**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 107/2018PA**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Jeffrey Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta' Marzu 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, mija u sitta u ħamsin Ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,156.85ċ) allegatament dovuta lilha bi prezz ta' servizzi u prodotti provduti minnħa lill-konvenut, in konnessjoni ma' telefonija ċellulari kwantu għas-somma ta' ħames mija u tnejn u temenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€582.98ċ) bil-kont numru 1.10926814 u l-bilanċ ta' ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€573.87ċ) bil-kont numru I.10999695. Is-soċjeta' attriċi ppremettiet li, minkejja li interpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex iħallas, dan baqa' inadempjenti. Talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u l-imgħax b'effett mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament rendikont tal-kontijiet tal-konvenut mas-soċjeta' attriċi minn fejn jirriżulta li l-ħlas reklamat b'din l-azzjoni jirrapreżenta ħlas dovut skont kontijiet maħruga rispettivament fl-ewwel seba' xhur tas-sena 2014, u fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2015 (Dok. X1 sa X2, fol. 2 sa 6); u affidavit tal-avukat Dr. Jeremy Debono, fil-kwalita' tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, li permezz tiegħu kkonferma li l-konvenut huwa debitur tal-istess soċjeta' attriċi fl-ammont reklamat b'din il-kawża; u li minkejja li interpellatu biex iħallas, dan baqa' inadempjenti (Dok. X3, fol. 7).

Ra li, minkejja li kien debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, il-konvenut ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li, fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2018, is-soċjeta' attriċi ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li l-kawża tħalliet għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita', wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Ikkunsidra li għalkemm is-soċjeta' attriċi naqset li tipprova r-relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-konvenuta, u t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolawha, it-Tribunal għandu x-xiehda tal-avukat Dr. Jeremy Debono, li kkonferma bil-ġurament

tiegħu dak li jirriżulta mir-rendikont preżentat mal-Avviż tat-Talba. Mir-rendikont eżibit mal-Avviż tat-Talba, it-Tribunal fehem li l-konvenut ħallas diversi pagamenti akkont tal-prezz tas-servizzi prestati lilha fil-perjodu in eżami, u l-ammont mitlub jirrapreżenta l-bilanċ dovut minnħa fuq dan il-kont.

Fiċ-ċirkostanzi, fuq bilanċ ta' probabilta', it-Tribunal jidħirlu li tirriżulta pruvata l-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi kontenuta fl-Avviż tat-Talba.

Kwantu għat-talba tas-soċjeta' attriċi biex it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha imgħax legali b'effett mid-data ta' kull fattura li naqas li jħallas, din it-talba ma tirriżultax pruvata fin-nuqqas (i) tal-aħjar prova ta' kull fattura; (ii) tal-prova li l-konvenut huwa *'kummerċjant'*, jew li l-kuntratti li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut kien jikkostitwixxi *'att ta' kummerċ'*, fit-termini tal-**art. 2** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta), liema elementi kienu meħtiega sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-prova tal-obbligazzjoni kummerċjali għall-finijiet tal-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta); (iii) ta' kwalsiasi prova oħra li l-konvenut intrabat bl-obbligu li jħallas l-imgħax mid-data tal-kontijiet dovuti, u mhux imħallsa tempestivament.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma mitluba ta' elf, mija u sitta u ħamsin Ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,156.85ċ), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**